MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-21 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 367/2008

Kawza fil-lista: 30

**B A C**
**vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi l-partijiet ikkuntrattaw iz-zwieg taghhom fil-Moskeja, Malta fil-21 ta’ Jannar 2005. Illi sussegwentement ikkuntrattaw iz-zwieg taghhom fir-Registru Pubbliku ta’ Malta nhar it-2 ta’ Mejju 2006 kif jirrizulta mic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala (Dok A) u miz-zwieg taghhom ma twieldu l-ebda tfal.

2. Illi fid-29 ta' Lulju 2008 il-partijiet infirdu minn xulxin bir-rit Musulman.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kemm fuq il-hajja mizzewga kif ukoll fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijet essenzjali taz-zwieg.

4. Illi ukoll il-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat minhabba eskluzjoni pozittiva taz-zwieg jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg;

5. Illi inoltre l-kunsens tal-attur kien inkiseb b' qerq dwar xi kwalita' tal-intimata li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

6. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u minghajr effett u dan ai termini ta' l-Artikolu 19(1) (c), (d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-prezenti proceduri qeghdin isiru sabiex tigi ddikjarata u deciza minn dina l-Onorabbli Qorti li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet huwa null u minghajr effett fil-ligi u dan ghar-ragunijiet hawn fuq indikati u rikonoxxuti fil-ligi.

Ghaldaqstant l-esponenti in vista ta' dak kollu fuq premess, jitlob lill-konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg ikkontrattat bejn il-partijiet fir-Registru Pubbliku ta' Malta fit-2 ta' Mejju 2006, huwa null u minghajr effett fil-ligi u dan ghar-ragunijiet hawn fuq indikati jew ghal xi wahda jew aktar minn dawk ir-ragunijiet skond l-artikolu 19(1) (c), (d) u (f).

2. Tawtorizza lill-attur illi jirregistra s-sentenza ta' dina l-Qorti fir-Registru Pubbliku ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimata, ingunta minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta rrispondiet:

1. Illi l-ebda wahda mir-ragunijiet li adduca l-attur bhala bazi ghad-dikjarazzjoni tan-nullita' taz-zwieg bejn il-partijiet ma tirrizulta fil-konfront ta' l-eccipjenti.

2. Illi l-allegazzjonijiet ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg civili tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-2 ta' Mejju 2006 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f], u dak ta' l-attur fit-termini tal-paragrafu [c], ta' l-artikolu 19 [1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-attur, cittadin libjan, izzewweg lill-konvenuta, cittadina Maltija, bir-rit muzulman fil-21 ta' Jannar 2005 wara li kienu ltaqghu fl-24 ta' Dicembru 2004. L-attur jghid li kellu problema ta' visa f' Malta, u fit-2 ta' Mejju 2006 il-partijiet izzewwgu bir-rit civili. Wara konvivenza matrimonjali ta' circa seba' [7] xhur interrotti, il-partijiet isseparaw de facto; u fid-29 ta' Lulju 2008 iddivorzjaw bir-rit musulman.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet kellhom diversi problemi mill-bidu nett tal-konvivenza matrimojali.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-partijiet attribwew nuqqasijiet lil xulxin li skond huma wasslu ghat-tkissir tar-relazzjoni matrimonjali taghhom; u l-Qorti hija tal-fehema li, mill-kumpless tal-provi li semghet, jirrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali taghhom il-partijiet kienu affetti minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq id-drittijiet u d-dmirijiet tal-hajja konjugali fit-termini tal-paragrafu [d].

Ghaldaqstant it-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha fit-termini ta’ l-artikolu 19[1][d] tal-Kap.255.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici; u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-2 ta’ Mejju 2006.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------